

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-27 ta' Frar 2020 – Constantin Film Produktion GmbH vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

(Kawża C-240/18 P) (¹)

(Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Artikolu 7(1)(f) – Raġuni assoluta għal rifiut – Trade mark li tmur kontra l-moralità – Sinjal verbali “Fack Ju Göhte” – Ċħid tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni)

(2020/C 161/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellanti: Constantin Film Produktion GmbH (rappreżentanti: E. Saarmann u P. Baronikians, Rechtsanwälte)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: D. Hanf, aġġent)

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Jannar 2018, Constantin Film Produktion vs EUIPO (Fack Ju Göhte) (T-69/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:27), hija annullata.
- 2) Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-1 ta' Diċembru 2016 (Każ R 2205/2015-5), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjal verbali “Fack Ju Göhte” bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea, hija annullata.
- 3) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk esposti minn Constantin Film Produktion GmbH, relativi kemm għall-proċeduri fl-ewwel istanza fil-Kawża T-69/17 kif ukoll fdawk tal-appell.

(¹) ĠU C 249, 16.07.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-4 ta' Marzu 2020 – L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea vs Equivalenza Manufactory, SL**

(Kawża C-328/18 P) (¹)

(Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Artikolu 8(1)(b) – Probabbiltà ta' konfużjoni – Evalwazzjoni tax-xebħ tas-sinjal kunfliġġenti – Evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni – Newtralizzazzjoni ta' xebħ fonetiku permezz ta' differenza viżiva u ta' differenza kunċettwali – Kundizzjonijiet għan-newtralizzazzjoni)

(2020/C 161/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Appellant: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: J.F. Crespo Carrillo, aġġent)

Parti oħra fil-proċedura: Equivalenza Manufactory, SL (rappreżentanti: G. Macías Bonilla, G. Marín Raigal u E. Armero Lavie, abogados)

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Marzu 2018, Equivalenza Manufactory vs EUIPO – ITM Entreprises (BLACK LABEL BY EQUIVALENZA) (T-6/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:119), hija annullata.

- 2) Ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Equivalenza Manufactory SL quddiem il-Qorti Ġeneralni tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-6/17 huwa miċħud.
- 3) Equivalenza Manufactory SL għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, relatati kemm mal-proċedura tal-ewwel istanza fil-Kawża T-6/17 kif ukoll mal-proċedura tal-appell, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) relatati ma' dawn il-proċeduri.

(<sup>1</sup>) ĠU C 341, 24.9.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-4 ta' Marzu 2020 – Buonotourist Srl vs Il-Kummissjoni Ewropea, Associazione Nazionale Autotrasporto Viaggiatori (ANAV)**

(Kawża C-586/18 P) (<sup>1</sup>)

(Appell – Kompetizzjoni – Għajnuna mill-Istat – Impriża li topera netwerks tal-konnessjonijiet permezz tal-karozza tal-linja fir-Reġjun ta' Campania (l-Italja) – Kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku mħallas mill-awtoritajiet Taljani wara deċiżjoni tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, L-Italja) – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiddikjara l-miżura bħala għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern)

(2020/C 161/09)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Appellanti: Buonotourist Srl (rappreżentanti: M. D'Alberti u L. Visone, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Conte, P.-J. Loewenthal u L. Armati, aġenti), Associazione Nazionale Autotrasporto Viaggiatori (ANAV) (rappreżentanti: M. Malena, avukat)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Buonotourist Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 399, 5.11.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-4 ta' Marzu 2020 – CSTP Azienda della Mobilità SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea, Asstra Associazione Trasporti**

(Kawża C-587/18 P) (<sup>1</sup>)

(Appell – Kompetizzjoni – Għajnuna mill-Istat – Impriża li topera netwerks tal-konnessjonijiet permezz tal-karozza tal-linja fir-Reġjun ta' Campania (l-Italja) – Kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku mħallas mill-awtoritajiet Taljani wara deċiżjoni tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, L-Italja) – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiddikjara l-miżura bħala għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern)

(2020/C 161/10)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Appellanti: CSTP Azienda della Mobilità SpA (rappreżentanti: G. Capo u L. Visone, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Conte, P. J. Loewenthal u L. Armati, aġenti), Asstra Associazione Trasporti (rappreżentant: M. Malena, avukat)